

Brussell, 7 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13864/18

ECOFIN 1011
ENV 716
CLIMA 199
FIN 855

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (6 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3646 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Novembru 2018 fi Brussell. Niġbdu l-attenzjoni li ġie kkoreġut żball lingwistiku fil-paragrafu 10.

Konklużjonijiet tal-ECOFIN dwar il-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima għall-2018**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

1. JAFFERMA MILL-ĠDID l-appoġġ qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-Ftehim ta' Pariġi flimkien mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. JENFASIZZA l-impenn tal-UE għall-iżvilupp ta' sett ta' regoli robust u kompletament funzjonanti bħala l-eżitu tal-Programm ta' Hídma tal-Ftehim ta' Pariġi waqt il-COP24, li huwa essenzjali biex titwitta t-triq għal ambizzjoni, appoġġ u investiment imsaħħa sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
2. ITENNI l-importanza li jsir progress rapidu u ambizzjuż sabiex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA l-fatt li l-progress fir-rigward ta' dan l-oġettiv huwa neċessarju biex jintlaħqu l-oġettivi tal-mitigazzjoni u l-adattament fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u li dan għandu jingħata l-konsiderazzjoni dovuta fi ħdan l-arkitettura tal-UNFCCC. JENFASIZZA l-ħtieġa li jitħeġġeġ u jiġi vvalutat b'mod effettiv progress kollettiv fir-rigward tal-oġettiv tal-Artikolu 2.1c tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż, iżda mhux limitat għal, permezz tar-rendikont globali, u li titwettag aktar hídma biex jiġu żviluppati metodi u modalitajiet għal dan il-għan.
3. JENFASIZZA li l-finanzjament pubbliku waħdu ma jista' qatt ikun biżżejjed biex tiġi ffinanzjata t-transizzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat ambjent favorevoli għal investimenti sostenibbli u JENFASIZZA r-rwol importanti tal-politika pubblika f'dan ir-rigward. JILQA' B'SODISFAZZJON l-iżviluppi reċenti f'dan il-qasam fl-UE, inkluż l-ambizzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli, u fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali.
4. JENFASIZZA li l-ipprezzar tal-karbonju huwa komponent essenzjali ta' ambjent favorevoli għaċ-ċaqliq tal-flussi finanzjarji lejn investimenti ekoloġiċi u sostenibbli, għall-appoġġ tat-transizzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żviluppi reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, JILQA' u JAPPOĠĠA: i) inizzjattivi ta' pprezzar tal-karbonju, inkluż dawk li jsaħħu l-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; ii) l-użu ta' prezzijiet tal-karbonju interni minn kumpanniji u istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż permezz ta' banek għall-iżvilupp multilaterali u oħrajn; u iii) inizzjattivi li jippromwovu l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji ambjentalment u ekonomikament ta' ħsara u l-eliminazzjoni gradwali ta' finanzjament għal proġetti b'emissjonijiet intensivi.

5. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt sal-2020 jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena u mbagħad sal-2025 għall-finijiet ta' mitigazzjoni u adattament, minn firxa wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi. JILQA' l-progress li sar sal-lum u JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom l-akbar fornitur ta' finanzjament pubbliku għall-klima, inkluż għal fondi multilaterali għall-klima, u għall-2017 ikkontribwixxew EUR 20.4 biljun¹ f'finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima. IĦEĠĠEĠ lil pajjiżi żviluppati oħra biex ikomplu jżidu l-provvista ta' finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima. ITENNI li l-finanzjament pubbliku għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima ser jibqa' jaqdi rwol importanti. JISSOTTOLINJA l-importanza tas-settur privat bħala sors ewlieni ta' finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-finanzi pubbliċi jkunu ffukati biex b'mod aktar effettiv u effiċjenti jixprunaw finanzjament mis-settur privat biex tiġi ffinanzjata l-azzjoni tal-mitigazzjoni u l-adattament.
6. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha favur l-isforz globali mmexxi mill-pajjiżi żviluppati biex jimmobilizzaw il-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima minn firxa wiesgħa ta' sorsi, u f'dan il-kuntest li jwettqu l-mandat mill-COP21 biex jiddeċiedu, qabel l-2025, dwar mira kwantifikata kollettiva ġdida b'limitu minimu ta' USD 100 biljun fis-sena. JENFASIZZA l-ħtieġa għal firxa wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament, kif ukoll firxa usa' ta' kontributori. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva orjentata lejn ir-riżultati fir-rigward tal-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, b'mod li jiżgura l-akbar impatt possibbli għall-fondi pprovduti u mobilizzati.
7. JILQA' d-dikjarazzjoni konġunta tal-Klabb tal-Finanzjament għall-Iżvilupp Internazzjonali u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) fis-Summit Pjaneta Waħda tal-2017, fejn jafferma mill-ġdid l-impenn konġunt tagħhom biex jallinjaw il-flussi finanzjarji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi. IĦEĠĠEĠ lill-MDBs biex ikomplu jżidu l-investimenti relatati mal-klima, billi jibnu fuq il-progress sinifikanti li sar fl-2017, u biex jintegraw aktar l-aspetti klimatiċi fil-portafolli kollha tagħhom filwaqt li jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod aktar innovattiv u effettiv biex ikomplu jixprunaw il-finanzjament privat. Barra minn hekk, JINKORAĠĠIXXI lill-MDBs biex jadottaw politiki ta' investiment responsabbli u biex gradwalment iwaqqfu l-finanzjament ta' impjanti tal-enerġija bil-faħam, filwaqt li jikkunsidraw l-iżvilupp sostenibbli u l-ħtiġijiet fil-qasam tal-enerġija tal-pajjiżi sħab tagħna. JAPPELLA lill-MDBs biex iħaffu bl-allinjament tal-attivitajiet tagħhom bl-oġettiv li l-flussi tal-finanzjament isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp oħra, kif irrapportat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013. Tinkludi wkoll EUR 2.8 biljun f'finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima mill-Baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll EUR 2.6 biljun mill-fondi tal-BEI.

8. JENFASIZZA li l-Qafas ta' Aktar Trasparenza previst mill-Ftehim ta' Pariġi ser ikun fattur essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu, inkluż billi jtejjeb b'mod effettiv ir-rintraċċar tal-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima permezz tal-ftehim dwar il-modalitajiet, proċeduri u linji gwida robusti għall-appoġġ provdut, mobilizzat, meħtieġ u riċevut. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat progress bilanċjat fl-aspetti kollha tal-qafas ta' trasparenza, u għall-ftehim ta' qafas ta' rappurtar robust fil-COP 24, li jinċentiva azzjoni effettiva, appoġġ u investiment. JAPPOĠĠA l-ħtieġa li jkompli jiġu żviluppati metodoloġiji għar-rintraċċar ta' finanzjament privat mobilizzat permezz ta' interventi pubbliċi, li jippermettu aggregazzjoni filwaqt li jevitaw l-għadd doppju.
9. JISSOTTOLINJA l-isforzi ta' titjib fil-prevedibbiltà tal-finanzjament għall-klima, filwaqt li jinnota li komunikazzjonijiet ex-ante fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni disponibbli u għandhom ikunu konformi mar-regoli u l-proċeduri baġitarji nazzjonali. JISSOTTOLINJA li taħt l-arranġamenti attwali, l-UE tipprovdi fl-"Istrateġiji u Approċċi biex jiżied il-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima mill-2014 sal-2020" informazzjoni dwar il-preżentazzjonijiet rigward flussi ta' finanzjament futuri kif disponibbli. JENFASIZZA l-importanza li l-ħidma tiġi bbażata fuq proċessi eżistenti, li ser tippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva b'mod flessibbli. JISTENNA B'INTERESS li jittieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji dwar din il-kwistjoni fil-COP24.
10. JENFASIZZA l-ħtieġa li tkompli tittejjeb l-effettività u l-komplementarjetà tal-arkitettura istituzzjonali attwali għall-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluż l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-mekkaniżmu finanzjarju tal-UNFCCC. L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw bis-sħiħ it-titjib u ż-żieda fl-ambizzjonijiet għas-seba' rikostituzzjoni tal-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) u huma impenjati li jaħdmu favur proċess f'waqtu, ġestit sew u ta' suċċess għar-rikostituzzjoni tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima (GCF). JINKORAĠĠIXXI lill-Bord tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima biex jaspira għal standards għolja fil-proġetti ta' finanzjament u fil-governanza interna u biex jagħlaq il-lakuni fil-politika.

11. JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jfittxu bilanċ bejn il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament għal skopijiet ta' adattament u ta' mitigazzjoni, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u li għandhom limitazzjonijiet sinifikanti fil-kapaċità. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-finanzjament pubbliku għall-adattament u għall-appoġġ lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, speċjalment għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS), u JENFASIZZA l-importanza tal-effettività u l-effiċjenza ta' tali finanzjament. JIRRIKONOXXI li l-GCF jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tiegħu li jipprovdi 50 fil-mija tal-programmazzjoni kollha tiegħu għall-adattament lil-LDCs, fis-SIDS u l-Afrika. JIRRIKONOXXI l-kontribut importanti tal-Fond ta' Adattament (AF) u l-Fond tal-Pajjiżi L-Anqas Żviluppati (LDCF), li l-Istati Membri tal-UE huma l-akbar donaturi tagħhom, bħala parti mix-xenarju usa' tal-finanzjament għall-adattament.